MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 874/2003

**Mob*isle* Communications Limtied**

**Vs**

**Carl Blundell**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u hmistax il-lira Maltin u seba' centezmi (Lm115.07) rappresentanti bilanc minn prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta attrici skond Client Contract number 4265 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Mejju 2002 u Settembru 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2003 u dawk tal-mandat ta' sekwetsruipprezentat

kontestwalment ma'l-avviz kif ukoll bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta'l-avukat Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghan-nom tas-socjeta attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u hmistax-il lira lira Maltin u sebgha centezmi(Lm115.07), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2003, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------